



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.1.2017
SWD(2017) 22 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**dwar Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li temenda Direttiva 2011/65/UE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi
fit-tagħmir elettriku u elettroniku.**

{COM(2017) 38 final}
{SWD(2017) 23 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSTILL li temenda Direttiva 2011/65/UE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku.

A. Ħtieġa ta' azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?

Dan ir-rapport jipprova valutazzjoni dwar kif l-aħjar jiġu indirizzati erba' problemi identifikati fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/65/UE (RoHS 2): 1) il-punt ta' waqfien ta' operazzjonijiet sekondarji tas-suq għal tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) kopert minn RoHS 2 u mhux minn RoHS 1 (id-Direttiva 2002/95/KE); 2) l-effetti ta' RoHS 2 fuq parts tal-bdil għal ċertu EEE, mhux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' RoHS 1; 3) RoHS 2 jirriżulta li jwaqqaf it-tqegħid fis-suq tal-organijiet; 4) RoHS 2 li jirriżulta f'distorsjoni fis-suq għal makkinarju mobbli mhux tat-triq imqabba b'wajer (NRMM).

X'inhu mistenni li jinkiseb minn din l-inizjattiva?

Huma mistennija effetti pożittivi għall-industrija, għall-konsumaturi u għas-saħħa: wara t-22/07/2019 l-operazzjonijiet sekondarji tas-suq u tat-tiswija ikomplu għal kull EEE, organijiet u NRMM imqabba b'wajer ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni jkomplu jittqiegħdu fis-suq tal-UE mingħajr distorsjonijiet.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Soluzzjoni li tkopri l-UE kollha biss tista' ssolvi l-problemi, li għandhom impatt dirett fuq is-suq intern tal-UE.

B. Soluzzjonijiet

Liema għażliet ta' politiki leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm xi għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Minbarra x-xenarju bażi li jħalli RoHS 2 mhux mimsus, l-għażliet li ġejjin ġew ikkunsidrati, fir-rigward ta':

- 1) l-irkupru ta' operazzjonijiet sekondarji tas-suq: Għażla 2 – għal apparat mediku u strumenti ta' monitoraġġ u kontroll biss; Għażla 3 (ippreferuta) – għal kull EEE għid fil-kamp ta' applikazzjoni.
- 2) parts tal-bdil: Għażla 2 (ippreferuta) – dispożizzjoni tal-parts tal-bdil sabiex tippermetti t-tiswija ta' EEE ta' qabel RoHS 2.
- 3) organijiet: Għażla 2 (ippreferuta) – esklużjoni tal-kamp ta' applikazzjoni; Għażla 3 – gwida għall-interpretazzjoni; Għażla 4 – eżenzjonijiet temporanji ta' RoHS 2.
- 4) NRMM imqabba b'wajer: Għażla 2 (ippreferuta) -- esklużi wkoll NRMM imqabba b'wajer

Min jappoġġa liema għażla?

Il-partijiet interessati (assoċjazzjonijiet tal-industrija u Stati Membri) iffavorixxew l-għażliet ippreferuti għall-erba' problemi.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?

Id-dispożizzjonijiet sekondarji tas-suq u tal-parts tal-bdil se jkollhom benefiċċji ekonomiċi (opportunitajiet addizzjonali tas-suq), soċjali (żieda fid-disponibbiltà għal eż. apparat mediku għal sptarijiet fl-UE, fejn jiġu ffrankati aktar minn EUR 170 miljun, b'ħaġġa mtawla tal-EEE), u ambjentali (prevenzjoni tal-iskart). L-esklużjoni tal-organijiet u NRMM imqabba b'wajer minn RoHS se tkun qed tevita t-telf tal-impjegi u spejjeż żejda mhux ġustifikati. L-għażliet ippreferuti se jnaqqsu l-piż amministrattiv.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta?

L-irkupru tad-dispożizzjoni sekondarja tas-suq u tal-parts tal-bdil mhu se jkollu l-ebda impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali negattiv jew ftit li xejn. L-esklużjoni tal-organijiet u NRMM imqabba b'wajer minn RoHS hija mistennija li ma jkollha l-ebda impatt ekonomiku, soċjali jew ambjentali u tas-saħħa negattiv jew ftit li xejn.

Kif se jrin jiġu affettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-operaturi tas-suq fis-setturi kkonċernati, inkluż l-SMEs, se jkunu affettwati b'mod pożittiv.

Sejjer ikun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-Istati Membri se jkollhom b'zonn biss li jittrasponu t-test legali. Is-sorveljanza tas-suq hija mistennija li tkun issimplifikata permezz ta' din l-inizjattiva.
Sejjer ikun hemm impatti sinifikanti oħrajn?
Le.
D. Segwitu
Meta sejra tiġi riveduta l-politika?
Il-Kummissjoni se twettaq reviżjoni ġenerali ta' RoHS 2 sat-22/07/2021.